



II-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GħALL-ISTAMPA Nru 130/2019
Il-Lussempurgo, 7 ta' Ottubru 2019

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Dħul fil-kariga ta' żewġ Membri ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja

Permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2019, inħatar bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2019 u s-6 ta' Ottubru 2021, Niilo Jääskinen, li qiegħed jieħu post Allan Rosas.

Permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Lulju 2019, inħatar bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2019 u s-6 ta' Ottubru 2024, Nils Wahl, li qiegħed jieħu post Carl Gustav Fernlund.

Fl-okkażjoni, minn naħħa, tal-waqfien mill-kariga u tat-tluq ta' Allan Rosas u Carl Gustav Fernlund u, min-naħħa l-oħra, tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga ta' Niilo Jääskinen u ta' Nils Wahl, illum ser tinżamm udjenza solenni fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-udjenza solenni ser tiġi trażmessu direttament mis-18.00 fis-sit aċċessibbli minn: <http://c.connectedviews.com/01/LiveMeetings/cdj>

Curricula vitae tal-Membri I-ġodda

Niilo Jääskinen

imwieleed fl-1958; gradwat fid-dritt (1980), diploma fi studji approfonditi fid-dritt (1982) u Dottorat mill-Univerosità ta' Helsinki, il-Finlandja (2008); Lecturer fl-Università ta' Helsinki (1980-1986); Référendaire u Mħallef Temporanju fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Rovaniemi, il-Finlandja (1983-1984); Konsulent Legali (1987-1989), u wara Kap tad-Diviżjoni tad-Dritt Ewropew (1990-1995) fil-Ministeru tal-Ġustizzja, il-Finlandja; Konsulent Legali fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, il-Finlandja (1989-1990); Konsulent u Segretarju għall-Affarijiet Ewroej fil-Kummissjoni Għolja tal-Parlament Finlandiż (1995-2000); Imħallef Temporanju (Lulju 2000 - Diċembru 2002), u wara Mħallef (Jannar 2003 - Settembru 2009) fil-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Finlandja; responsabbi għall-kwistjonijiet legali u istituzzjonali matul in-negożjati għall-adeżjoni tar-Repubblika Finlandiż fl-Unjoni Ewropea; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2009 sas-7 ta' Ottubru 2015, Imħallef fil-Qorti Amministrattiva Suprema (2015-2019); Viċi President tal-Qorti Amministrattiva Suprema (2018-2019); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2019.

Nils Wahl

imwieleed fl-1961; dottorat fid-dritt mill-Univerosità ta' Stokkolma, I-Isvezja (1995); Professur Assoccjat (Rettur) u inkarigat mill-katedra Jean Monnet fid-dritt Ewropew (1995), Professur tad-dritt Ewropew, I-Universtità ta' Stokkolma (2001); Direttur Ġenerali ta' fondazzjoni li taħdem fil-qasam tat-taħriġ (1993-2004); President tal-assoċjazzjoni Svediża Nätverket för

europarättslig forskning (assoċjazzjoni Svediża għall-istudji tad-dritt Komunitarju) (2001-2006); Membru tar-Rådet för konkurrensfrågor (Kunsill tad-Dritt tal-Kompetizzjoni, 2001-2006); Imħallef fil-Qorti Ġeneral (2006-2012); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-28 ta' Novembru 2012 sas-6 ta' Frar 2019; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2019.

Kuntatt għall-istampa: Jacques Rene Zammit ☎ (+352) 4303 3355